MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2003

Numru. 744/2003

PULIZIJA
SPETTUR BERNARD ZARB
VS
PIERRE PARNIS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Pierre Parnis ta' 27 sena, bin Emanuel u Carmen nee Gatt, imwieled Pieta nhar is-7 ta' Gunju 1976 u residenti 1A, Flat 1, Triq il-Macina l-Isla, Id No 290476M talli fid-29 ta' Lulju 2003 u fit-30 ta' Lulju 2003 fl-Isla, fil-Fgura u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:-

1. bil-qerq, holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat u talli

iddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx u dan bi ksur ta' l-artikolu 110(1) tal-kap9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe cekk numru 3298 tal-Bank of Valletta li jappartjenu lil Rayair Automation Ltd. billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew talli dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skirtturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijit jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom ikollhom fihom jwe kellhom jippruvaw, dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Talli ghamel xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur tal-artikolu 184 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Iffalsifika cedola, polza, ordni, jew dokumenti ohra, u cioe cekk numru 3298 tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' Rayair Automation Limited, illi meta jigu ppresentati wiehed jista jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depositu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta imsemmija u dan bi ksur tal-artikolu 167 u 169 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq bi hsara ta' Go Mobile Co Ltd, Rayair Automation Ltd, Bank of Valletta u diversi persuni ohra bi ksur tal-artikolu 308, 309 u 310 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Xjentement laqa ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom bi ksur tal-artikolu 334 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, u cioe Licenzja tas-sewqan ta’ Pierre Parnis ID No 290476M u atkar talli ghamel uzu mill-istess karta imsemmija u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 167 u 169 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
8. Ghamel dikjarazzjoni falza, jew ta’ xi taghrif falz, jew ipproduca dokument falz, meta kien jaf li dan huwa falz, jew iffalsifika karta tal-identita jew xi dokument iehor, u cioe licenzja tas-sewqan ta’ Pierre Parnis ID 290476M u dan bi ksur ta’ l-artikolu 14 tal-kap 258 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Dicembru 2003 fejn l-mputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza b’assorbiment tal-akkuzi l-ohra u wara li rat Art 110(1)(2), Art 183, 184, 167, 169 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------